MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1221/2010

**Longbow Limited**
**C 3666**

**vs**

**Manic Company Limited**
**C 47122**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' bejn it-18 ta' Awissu, 2009 u l-21 ta' Jannar, 2010, il-kumpanija rikorrenti forniet lill-kumpannija intimata prodotti relatati mall-'*catering'* ghall-uzu gewwa l-istabiliment tal-istess kumpanija intimata li jgib l-isem ta' *Oranng Steak House & Bar* gewwa San Giljan.

Illi l-ammont komplessiv dovut lill-kumpanija rikorrenti mill-kumpanija intimata jammonta ghall-elfejn, mija u disa' Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 2,109.43), u dan kif

jidher mill-fatturi relattivi mahruga mill-kumpanija rikorrenti u mibghuta lill-kumpanija intimata.
Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghaldaqstant, il-kumpanija rikorenti qed titlob il-hlas ta' elfejn, mija u disa' Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 2,109.43), oltre l-imghax legali kummercjali mill-kumpanija intimata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A datata 18 ta' Mejju, 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ukoll datat 18 ta' Mejju, 2010 kontra r-rapprezentanti tal-kumpanija intimata li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, mija u disa' Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€ 2,109.43), oltre l-imghax legali kummercjali. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------